

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Diċembru 2013

dwar in-notifika mir-Renju ta' Spanja ta' pjan nazzjonali tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali

(notifikata bid-dokument C(2013) 9089)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

(2013/799/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 32(5) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta lill-Kummissjoni pjan nazzjonali tranżizzjonali (TNP) permezz ta' ittra elettronika fil-21 ta' Diċembru 2012 <sup>(2)</sup> u permezz ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Diċembru 2012, li waslet għand il-Kummissjoni fit-2 ta' Jannar 2013 <sup>(3)</sup>.
- (2) It-TNP ġie vvalutat skont l-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/115/UE <sup>(4)</sup>.
- (3) Matul il-valutazzjoni tagħha tal-kompletezza tat-TNP ippreżentat mir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni sabet li ħafna impjanti inklużi fit-TNP ma kinux jaqblu mal-impjanti rreġistrati fl-inventarju tal-emissjonijiet tal-2009 li ġie ppreżentat mir-Renju ta' Spanja b'konformità mad-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill <sup>(5)</sup>. Il-Kummissjoni skopriet ukoll li fil-każ tal-impjant 5, il-kontribuzzjoni għal-limitu massimu tat-TNP għall-SO<sub>2</sub> għall-perjodu 2001-2007 kienet ikkalkulata fuq il-bażi tar-rata ta' desulfurizzazzjoni minima, u għall-perjodu 2008-2010 dik il-kontribuzzjoni kienet iddeterminata permezz tal-metodu ta' valur ta' limitu tal-emissjonijiet, filwaqt li l-kundizzjonijiet għall-użu ta' dan l-approċċ ma kinux sodisfatti.

- (4) Billi d-diskrepanzi bejn id-dejta fit-TNP u fl-inventarju tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2001/80/KE xekklu l-valutazzjoni tat-TNP, il-Kummissjoni, fl-ittra tagħha tal-11 ta' Ġunju 2013 <sup>(6)</sup>, talbet lir-Renju ta' Spanja jipprovidi kjarifika għad-differenzi li nstabu. Il-Kummissjoni talbet ukoll lir-Renju ta' Spanja biex jikkalkula mill-ġdid il-kontribuzzjoni tal-impjant 5 għal-limitu massimu tat-TNP għall-SO<sub>2</sub>.
- (5) Permezz tal-ittra tat-28 ta' Ġunju 2013 <sup>(7)</sup>, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni li pprovdiet kjarifika dwar id-differenzi bejn l-informazzjoni fit-TNP u l-inventarju tal-emissjonijiet tal-2009 skont id-Direttiva 2001/80/KE. F'dik l-ittra, ir-Renju ta' Spanja sqarr ukoll li ma kienx hemm bżonn li tiġi eżaminata l-kontribuzzjoni tal-impjant 5 għal-limitu massimu tat-TNP għall-SO<sub>2</sub>.
- (6) Wara valutazzjoni ulterjuri tat-TNP u l-informazzjoni addizzjonali ppreżentata mir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra lir-Renju ta' Spanja fid-19 ta' Settembru 2013 <sup>(8)</sup>, li fiha kkonfermat il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-użu tal-metodu bir-rata ta' desulfurizzazzjoni minima għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-impjant 5 għal-limitu massimu tat-TNP għall-SO<sub>2</sub>. Il-Kummissjoni rrimarkat ukoll li fil-każ tal-impjant 2, ir-Renju ta' Spanja kien uża valur ta' limitu tal-emissjonijiet għall-SO<sub>2</sub> ta' 800 mg/Nm<sup>3</sup> biex jikkalkula l-kontribuzzjoni tal-impjant għal-limitu massimu tat-TNP għall-2016, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2001/80/KE, li l-Kummissjoni kkunsidrat li ma japplikawx għal dan il-għan. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li għal disa' impjanti, intuża

<sup>(1)</sup> ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

<sup>(2)</sup> Ares(2012)1551138.

<sup>(3)</sup> Ares(2013)146.

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/115/UE tal-10 ta' Frar 2012 li tistabbilixxi regoli dwar il-pjanijiet nazzjonali tranżizzjonali msemmija fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 52, 24.2.2012, p. 12).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċertu tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1)

<sup>(6)</sup> Ares(2013)1984918.

<sup>(7)</sup> Ares(2013)2535734.

<sup>(8)</sup> Ares(2013)3085135.

- valur ta' limitu tal-emissjonijiet għall-NO<sub>x</sub> ta' 1 200 mg/Nm<sup>3</sup> biex jikkalkula l-kontribuzzjoni tagħhom għal-limitu massimu tat-TNP għall-2016, fuq il-bażi tan-Nota 2 mat-Tabella C.1 fl-Appendiċi C tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE, iżda ma għet ipprovduta l-ebda informazzjoni dwar il-kontenut volatili tal-fjuwil solidu li ntuża f'dawn l-impjanti, li b'xi mod tista' tiġġustifika l-applikazzjoni ta' din in-Nota. Il-Kummissjoni talbet ukoll lir-Renju ta' Spanja għal aktar informazzjoni dwar il-miżuri previsti għal kull wieħed mill-impjanti inklużi fit-TNP sabiex tiġi żgurata konformità f'waqtha mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet li se japplikaw mill-1 ta' Lulju 2020. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni talbet lir-Renju ta' Spanja jipprovidi dejta addizzjonali għall-impjanti li jużaw diversi tipi ta' fjuwils jew li jikkonsistu f'tipi ta' impjanti differenti f'dak li jirrigwarda l-ammont ta' fjuwil użat, il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet, ir-rati medji tal-fluss tal-gass tal-iskart u l-fatturi ta' konverżjoni għal kull wieħed mill-fjuwils użati jew għal kull wieħed mit-tipi ta' impjanti separatament.
- (7) Fl-ittra tiegħu tat-30 ta' Settembru 2013 <sup>(1)</sup>, ikkompletata b'ittra tal-10 ta' Ottubru 2013 <sup>(2)</sup>, ir-Renju ta' Spanja rrisponda għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni u pprova dejta addizzjonali. Fil-każ tal-impjant 2, ir-Renju ta' Spanja tenna l-fehma tiegħu li ma kienx hemm bżonn li jinbidel il-valur ta' limitu tal-emissjonijiet għall-SO<sub>2</sub> użat peress li huwa kkunsidrat li l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2001/80/KE kien japplika f'dan ir-rigward. Fil-każ tal-impjant 5, ir-Renju ta' Spanja kompli jargumenta li hu kien intitolat juża taħlita tal-metodu bir-rata ta' desulfurizzazzjoni minima u l-metodu bil-valur ta' limitu tal-emissjonijiet. Ir-Renju ta' Spanja pprova informazzjoni dwar il-kontenut volatili tal-fjuwil solidu użat fil-perjodu 2001-2010 minn disa' impjanti li għalihom kien ġie applikat valur ta' limitu tal-emissjonijiet għall-NO<sub>x</sub> ta' 1 200 mg/Nm<sup>3</sup> biex jiġi kkalkulat il-limitu massimu għall-2016, u dan wera li kien biss fil-każ tal-impjanti 3, 4 u 19 li l-kontenut volatili medju annwali tal-fjuwil solidu użat kien inqas minn 10 % fis-sena bejn l-2001 u l-2010, filwaqt li fil-każ tal-impjanti 13, 15, 17, 18, 24 u 25 il-livell medju annwali kien aktar minn 10 % f'sena waħda jew aktar. Ir-Renju ta' Spanja argumenta li għad-disa' impjanti kollha kemm huma, il-valur medju tal-kontenut volatili matul il-perjodu ta' referenza kollu (2001-2010) kien inqas mill-valur imsemmi fin-Nota 2 mat-Tabella C.1 fl-Appendiċi C tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.
- (8) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslet mingħand l-awtoritajiet Spanjoli fit-30 ta' Settembru 2013 u fl-10 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni nnutat li fil-każ tal-impjanti li jużaw diversi tipi ta' fjuwils, li għalihom ġew ipprovduti l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet għall-fjuwils kollha użati, u għal impjant wieħed li għalih ġie pprovdut il-valur ta' limitu tal-emissjonijiet medju għall-fjuwils kollha użati, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat kif ġew ikkalkulati l-kontribuzzjonijiet għal-limiti massimi kollha minn dawk l-impjanti, u jiġu speċifikati l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet u r-rati medji annwali tal-fluss tal-gass tal-iskart użat għal kull wieħed mill-fjuwils użati f'dawn l-impjanti.
- (9) Wara l-valutazzjoni finali tat-TNP ippreżentat mir-Renju ta' Spanja, kif emendat skont l-informazzjoni addizzjonali, u li jinkludi l-impjanti kbar tal-kombustjoni elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni identifika tliet elementi ewlenin li mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli, kif ġej:
- fil-każ tal-impjant 2: il-Kummissjoni tikkunsidra l-applikazzjoni tal-valur ta' limitu tal-emissjonijiet ta' 800 mg/Nm<sup>3</sup> għall-SO<sub>2</sub> għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tiegħu għal-limitu massimu tat-TNP għall-2016 fuq il-bażi tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2001/80/KE, billi m'hemmx referenza għal dak il-valur ta' limitu tal-emissjonijiet fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(3) tad-Direttiva 2010/75/UE bħala mhux adegwata;
  - fil-każ tal-impjant 5: il-Kummissjoni tikkunsidra l-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tiegħu għal-limitu massimu tat-TNP għall-SO<sub>2</sub>, li juża kemm l-approċċ bir-rata ta' desulfurizzazzjoni minima kif ukoll l-approċċ bil-valur ta' limitu tal-emissjonijiet, bħala mhux adegwata;
  - fil-każ tal-impjanti 13, 15, 17, 18, 24 u 25: il-Kummissjoni tikkunsidra l-applikazzjoni tal-valur ta' limitu tal-emissjonijiet ta' 1 200 mg/Nm<sup>3</sup> għall-NO<sub>x</sub> għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tagħhom għal-limitu massimu tat-TNP għall-2016, billi l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-valur ta' limitu tal-emissjonijiet, li huma stipulati fin-Nota 2 mat-Tabella C1 fl-Appendiċi C tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE mhumiex sodisfatti, bħala mhux adegwata.
- (10) Barra minn hekk, il-Kummissjoni identifika diversi impjanti fit-TNP fejn l-informazzjoni għadha inkonsistenti u/jew fejn trid tintbagħat dejta li għadha nieqsa. Il-lista sħiħa tad-dejta nieqsa u t-talbiet għal kjarifika hija inkluża fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.
- (11) Għaldaqstant, it-TNP innotifikat mir-Renju ta' Spanja ma għandux jiġi aċċettat.

<sup>(1)</sup> Ares(2013)3145031.

<sup>(2)</sup> Ares(2013)3217081.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pjan nazzjonali tranżizzjonali li r-Renju ta' Spanja nnotifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE fl-14 ta' Diċembru 2012, li jinkludi l-impjanti kbar tal-kombustjoni elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE, u għaldaqstant, ma għandux jiġi aċċettat.

2. Jekk ir-Renju ta' Spanja beħsiebu jimplimenta pian nazzjonali tranżizzjonali skont l-Artikolu 32(5), huwa għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jindirizza, f'verżjoni eżaminata tal-pjan, l-elementi li ġejjin:

(a) fil-każ tal-impjant 2, għandu jikkoreġi l-valur ta' limitu tal-emissjonijiet għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tiegħu skont il-limitu massimu għall-SO<sub>2</sub> għall-2016; l-impjant mhuwiex eliġibbli li juża l-valur ta' limitu tal-emissjonijiet ta' 800 mg/Nm<sup>3</sup> għall-SO<sub>2</sub> għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tiegħu għal-limitu massimu tat-TNP għall-2016 fuq il-bażi tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2001/80/KE, billi dak il-valur ta' limitu tal-emissjonijiet mhuwiex imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(3) tad-Direttiva 2010/75/UE;

(b) fil-każ tal-impjant 5, għandu jikkoreġi l-metodu applikat għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tiegħu skont il-limitu massimu tat-TNP għall-SO<sub>2</sub> għall-2016; dik il-kontribuzzjoni għandha tiġi kkalkulata għall-perjodu kollu 2001-

2010 jew fuq il-bażi tar-rata ta' desulfurizzazzjoni minima, jew fuq il-bażi tal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet;

(c) fil-każ tal-impjanti 13, 15, 17, 18, 24 u 25; għandu jikkoreġi l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet applikati għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tagħhom skont il-limitu massimu għall-NO<sub>x</sub> għall-2016; sabiex l-impjanti jkunu eliġibbli li jużaw il-valur ta' limitu tal-emissjonijiet ta' 1 200 mg/Nm<sup>3</sup>, ir-Renju ta' Spanja għandu juri li l-kontenut volatili medju annwali tal-fjuwil solidu użat fl-impjanti kien inqas minn 10 % fis-snin ta' referenza kkunsidrati għat-TNP;

(d) għandu jaġġorna b'mod korrett il-limiti massimi tal-emissjonijiet totali għas-snin kollha kkalkulati skont il-valuri kkoreġuti msemmija fil-punti preċedenti;

(e) għandu jiċċara l-kwistjonijiet kollha u jikkumplimenta d-dejta kif imsemmi fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*  
Janez POTOČNIK  
*Membre tal-Kummissjoni*

## ANNEX I

## LISTA TA' IMPJANTI INKLUŻI FIT-TNP

Numru	L-isem tal-impjant fit-TNP	Kapaċità termali kklassifikata totali fi-31.12.2010 (MW)
1	C.T. Litoral I	1 222
2	C.T. Litoral II	1 268
3	C.T. Compostilla I (G2 u 3)	1 332
4	C.T. Compostilla I (G4 u 5)	1 960
5	C.T. As Pontes	3 800
6	C.T. Teruel (Andorra)	3 000
7	C.T. Besós 3 (CTCC)	722
8	C.T. San Roque (G2) (CTCC)	711
9	C.T. Foix	1 315
10	C.T. Los Barrios	1 645
11	C.T. Puentenuevo	976
12	C.T. Tarragona I (CTCC)	676
13	C.T. Anllares	953
14	C.T. La Robla I	691
15	C.T. La Robla II	951
16	C.T. Meirama	1 437
17	C.T. Narcea I	193
18	C.T. Narcea II	459
19	C.T. Narcea III	993
20	C.T. Aboño I	919
21	C.T. Aboño II	1 364
22	C.T. Soto III	830
23	C.T. de Lada 4	986
24	C.T. de Velilla 1	430
25	C.T. de Velilla 2	1 010

Numru	L-isem tal-impjant fit-TNP	Kapaċità termali kklassifikata totali fil-31.12.2010 (MW)
26	Central GICC Puertollano	670
27	San Ciprián I	147
28	San Ciprián II	147
29	San Ciprián III	147
30	Cogecan	93
31	Sniace Co-generation I	126
32	Sniace Co-generation II	126
33	Solal	146
34	Solvay I	376

## ANNEX II

## LISTA TAD-DEJTA MSEMMIJA FIL-PUNT (E) TAL-ARTIKOLU 1(2)

- Fil-każ tal-impjant 6 li juża rata ta' desulfurizzazzjoni ta' 92 % fl-2016: għandha tingħata kjarifika jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-valur kif stipulat fit-tabella C3 fl-Appendiċi C tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE ikunu sodisfatti (ikun daħal fis-seħħ kuntratt għall-installazzjoni ta' tagħmir għad-desulfurizzazzjoni mill-gassijiet tal-kombustjoni jew ta' tagħmir ta' injezzjoni tal-ġir, jew ikun beda x-xogħol fuq l-installazzjoni, qabel l-1 ta' Jannar 2001).
- Fil-każ tal-impjanti 1, 2, 3, 4, 6, 13, 14, 15, 16, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 30 u 34: għandha tingħata kjarifika dwar kif il-kontribuzzjonijiet minn dawn l-impjanti kienu kkalkulati mal-limiti massimi totali tat-TNP.
- Fil-każ tal-impjant 34: għandha tiġi pprovduta separatament dejta dwar ir-rati ta' fluss tal-gass tal-iskart għal kull fjuwil użat f'dan l-impjant.